MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1223/2007

**Nygaard Andersen Soren**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fil-21 ta' Novembru, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-imsemmi Nygaard Andersen Soren twieled nhar il- 21 ta' Novembru 1983 gewwa l-isptar San Luqa, l-Pieta, cittadinanza Daniza, bin Nygaard Andersen Soren imwieled Copenhagen, id-Danimarka u Grace Nygaard Andersen nee Grech (vide Dok 'A');

Illi mat-twelid ir-rikorrent, inghata ismijiet ta' Soren, kif ukoll dawk sekondarji li huma Johannes u Richard, pero' l-isem li bih kellha tkun msejha it-tarbija kellu jkun Soren,

u dan kif juri certifikat mahrug mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, (vide Dok 'B')

Illi skond l-Att taz-Zwieg iccelebrat nhar il-5 ta' LuIju 1983 bejn il-genituri tar-rikorrent, il-missier huwa irregistrat bl-isem propju tieghu coie', Nygaard Andersen Soren bin Johannes Viktor Andersen u Inge Gerd nee' Nygaard imwieled f'Copenhagen id-Danimarka u miIl-omm Grace nee Grech (vide Dok 'C');

Illi dan ic-certifikat taz-Zwieg huwa ikkorroborat ukoll minn Certifikat taz-Zwieg mahrug mill-Parocca Santu Wistin, Valletta fejn huwa car u manifest illi il-kunjom ta' missier ir-rikorrent huwa Nygaard Andersen, kif ukoll juri dana dokument illi omm il-missier kunjomha xebba kien Nygaard (vide Dok 'D' u 'E');

Illi in-segwitu ta' dan iz-Zwieg hekk iccelebrat bejn il-genituri tar-rikorrent, gie rilaxxat certifikat relativ mir-Registratur tar-Registru Pubbliku hawn immarkat bhala Dok 'F;

Illi ir-rikorrent minn dejjem kien irregistrat mit-twelid tieghu bhala Nygaard Andersen Soren kif juri Dokument tal-Karta tal-Identita' immarkat bhala Dok "G";

Illi l-fatt kif elenkat fil-paragrafu precedenti kien suggett ukoll ta' verifika u eventwali korrezzjoni diretta mll-Ufficcju Elettorali liema korrezzjoni kienet tirrigwarda illi il-kunjom 'Nyguard' kellu jkun korrett u jinqara Nygaard (vide Dok. 'H' referenza ER28/07 datata 27 ta' Lulju 2007);

Illi ukoll permezz tal-vot tieghu ir-rikorrenti minn dejjem kien irregistrat bil-kunjom propju tieghu, coie Nygaard Andersen kif turi kopja tal-vot tieghu mahrug ghall-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali 2007 kif ukoll kopja tar-Registru Elettorali hawn immarkat bhala Dok 'I'

Illi ir-rikorrent induna bI-izball fil-kunjom tieghu meta kien gedded il-passaport tieghu nhar il-23 ta' Dicembru 2005, fejn fid-dokument il-gdid kif mahrug, ir-rikorrent kien

Andersen Soren u mhux Nygaard Andersen Soren kif kien irregistrat mit-twelid tieghu

Illi il-firma fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent tal-omm, coie' Grace Nygaard Andersen, hija zbaljata u saret bi svista; dan jidher car u manifest stante illi il-firma tinkludi biss il-kunjom Andersen u mhux kif inhu kunjom ir-ragel taghha, coie' Nygaard Andersen;

Illi kif juri car il-passaport ta' omm ir-rikorrent il-kunjom taghha huwa Nygaard Andersen u mhux Andersen (vide Dok 'J');

Illi b'dana l-izball gie interpellat l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku b'ittra ufflcjali u dana sabiex jipprocedi u jikkoregi dan l-izball stante illi huwa manifest u car;

Talab li l-konvenut jghid ghaliex in vista tal-premess prevja kull dikjarazzjoni u ordni li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi il-kunjom propju tar-rikorrent huwa Nygaard Andersen u mhux 'Anderson';
2. Tordna korrezzjoni ghal dana il-ghan fis-sens illi tordna tibdil fir-Registru Pubbliku, partikolarment fil-passaport u l-Karta tal-identita' tieghu u dana sabiex kunjom ir-rikorrent jkun irregistrat Nygaard Andersen u mhux Andersen u b'hekk ikun irregistrat u muri fl-Atti Civili kollha successivi u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huma eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi preliminarjarnent ukoll l-esponent irid jispecifika liema Atti ta' l-Istat Civili qed jitlob li jikkoregi ai termini ta'

l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li huwa kompetenti fir-rigward ta’ Atti ta’ l-Istat Civili biss. Inoltre, il-passaport li mhux Att ta’ l-Istat Civili jiddependi fuq id-dettalji li hemm indikati fuq l-Att tat-Twelid tal-persuna in kwistjoni.

3. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tad-dokument tal-karta ta’ l-identita;
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l- esponent jirrileva li t-talba dedotta fir-rikors guramentat mhix prima facie gustifikata stante li minn certifikat u dokumenti Danizi li pprezentaw il-genituri tar-rikorrent meta applikaw biex jizzewwgu fir-Registru taz-Zwigijiet, liema dokumenti huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok ‘C’, ‘D’ u ‘E’, jirrizulta car li ‘Nygaard’ huwa indikat bhala isem u mhux kunjom. Fil-fatt ‘Andersen’ huwa indikat bhala ‘familienavn’ u ‘Soren Nygaard’ huwa indikat bhala ‘fornavne’. L-esponent jinnota wkoll li omm ir-rikorrenti li kienet id-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid ta’ binha r-rikorrent, iffirmat id-dikjarazzjoni tat-twelid bhala Grace Andersen. Inoltre, jirrizulta ukoll mid-dokumenti kollha pprezentati ma’ din ir-risposta li l-kunjom ‘Andersen’ huwa miktub b’mod differenti minn kif inhu miktub fir-rikors in risposta.  Di piu jehtieg li r-rikorrent jipproduci l-Att tat-Twelid ta’ missieru sabiex jigi stabbilit x’inhu l-kunjom proprju li hu wiret minghand missieru skond il-ligi Maltija mat-twelid tieghu f’Malta fil-21 ta’ Novembru 1983;
5.  Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6.  Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-attur, illi twieled fil-21 ta’ Novembru, 1983, xehed illi jaf illi minn mindu twieled kunjomu kien Nygaard Andersen. Huwa qal illi ricentement kien mar iggedded il-passaport tieghu, huwa kellu passaport Daniz fejn bhala isem u kunjom kellu imnizzel Soren Nygaard Andersen u meta mar biex jaghmel passaport Malti u mar biex jigbru, induna li kunjomu kien tnizzel bhala Andersen biss u mhux Nygaard Andersen. L-attur ikkonferma l-att tat-twelid tieghu, immarkat Dok B mar-rikors promotur, fejn hemm imnizzel fil-kolonna isem u kunjom missier it-tarbija “Soren Nygaard Andersen” u bhala omm it-tarbija “Grace Nygaard Andersen”. Huwa xehed illi missieru jismu Soren Nygaard Andersen. Ismu huwa Soren u kunjomu huwa Nygaard Andersen. Huwa xehed illi Nygaard Andersen huwa l-kunjom tal-familja.

Illi l-attur kompla jixhed illi kemm fil-karta ta’ l-identita tieghu, kif ukoll fil-vot ismu huwa imnizzel bhala Soren Nygaard Andersen u li kunjomu huwa imnizzel bhala Nygaard Andersen.

Illi xehdet omm l-attur, Grace Nygaard Andersen, u qalet illi hija kienet izzewget Malta lil ragel Daniz, hija cittadina Maltija u miz-zwieg taghha twieled tifel li semmewh Soren. Hija kompliet tixhed illi zewgha kien kunjomu Nygaard Andersen, izda meta marret biex tirregistra illi kien twieled binha, hija kienet iffirmat Grace Andersen u kienet ghamlet hekk ghaliex lanqas kienet taf tghid il-kunjom Nygaard meta izzewget, ahseb u ara tiktbu, u ghalhekk kienet tiffirma Andersen.

Illi in kontro-ezami, omm l-attur xehdet, b’referenza ghad-Dokument C opprezentata mar-risposta guramentata tal-konvenut, illi id-Danizi jaqilbu l-isem u il-kunjom fic-

certifikati taghhom u meta ikun hemm il-verzjoni bl-Ingliz tkun bl-invers. Hija ma setghetx tispjega ghaliex Andersen qeghda ghaliha u Soren Nygaard qeghda ghalija u dan b'referenza ghad-dettalji tal-ex-ragel taghha fid-Dok C ipprezentat mar-risposta guramentata.

Illi meta omm l-attrici giet mistoqsija kif taf illi id-Danizi jaqilbu il-kunjom ma l-isem hija qalet illi gieli iltaqghet ma Danizi u staqsiethom u xehdet illi anke il-Germanizi jiktbu b'dan il-mod.

Ikkunsidrat :

Illi omm l-attur qabel izzewgitu esebit a fol. 57 tal-process Dokument illi intbaghat mid-Danimarka illi kien jikkonferma illi zewgha ma kienx mizzewweg.

Illi minn dan id-dokument jirrizulta illi kunjom ir-ragel taghha huwa Andersen, izda il-Christian name tieghu huwa Soren Nygaard.

Illi wkoll jirrizulta minn dan l-istess certifikat isem missier l-attur huwa imnizzel bhala Johannes Viktor Andersen u isem ommu huwa imnizzel bhala Inge Gerd Nyegaard F. Andersen.

Ikkunsidrat :

Illi l-avukat difensur tal-attur ivverbalizza illi minkejja it-tentativi li saru, l-attur mhuwiex f'posizzjoni illi jesebixxi c-certifikat tat-twelid ta' missieru f'dawn l-atti. Gie verbalizzat ukoll illi l-att taz-zwieg li sar bejn il-genituri tal-attur huwa esebit bhala Dokument C mar-rikors promotur u jinsab esebit a fol. 9 tal-process.

Illi l-attur esebixxa dokument a fol. 61 et seq tal-process intitolat "The 100 most common surnames in Denmark" minn fejn irrizulta illi Nygaard huwa fil-fatt kunjom Daniz.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet Amanda Grech imressqa mill-konvenut illi spjegat x'inhi il-procedura meta wiehed jigi biex jirregistra t-twelid ta' tarbija. Hija qalet illi d-dikjarant igib l-informazzjoni, u d-dettalji li huwa jaghti jigu registrati l-insinwa. Ix-xhud kompliet tixhed illi wara li rat id-dokumenti kollha esebiti irrizultaha illi c-certifikat tat-twelid bin-numru 5826/1983 huwa c-certifikat tat-twelid ta' Soren Andersen u gie dikjarat illi Soren Nygaard Andersen huwa l-missier u illi Grace, mart Soren Nygaard Andersen, hija l-omm u id-dikjarata iffirmat bhala Grace Anderson. Ix-xhud xehdet illi Soren Nygaard Andersen u Grace Grech ghandhom l-att taz-zwieg bin-numru progressiv 1073/83 li gie registrat fir-registru pubbliku, fejn id-dettalji kienu moghtija mill-partijiet u skond id-dokumenti l-ohrajn li intalbu mill-marriage registry. Hija xehdet illi fl-att taz-zwieg Soren Nygaard Andersen jidher bhala r-ragel u Grace Grech tidher bhala l-mara. Mac-certifikati li gew ipprezentati hemm ukoll ic-certifikati tat-twelid ta' Soren Nygaard Andersen u fic-certifikat li gie esebit meta l-partijiet gew biex jizzewgu fl-isem hemm imnizzel "familienavn Andersen" u "Fornavne" huwa indikat "Soren Nygaard" u dan id-dokument huwa esebit bhala Dokument C. F'Dokument D hemm l-istess affarijiet indikati fejn fil-"Familienavn" hemm registrat "Andersen" u il-"fornavne" huwa registrat "Soren Nygaard". Ix-xhud kompliet tghid illi fiz-zmien in kwistjoni id-dikjaranti kienu jiehdu maghhom l-identity card, izda l-insinwa kienu dejjem iqabblu l-att tat-twelid ma l-att taz-zwieg, fejn jidhol il-kunjom.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Peter Barbara u ipprezenta dokumenti illi gew ipprezentati fil-marriage registry qabel it-tnidijiet taz-zwieg, fejn fost ohrajn hemm id-dettalji tal-partijiet u fejn hemm imnizzel car u tond illi l-kunjom / surname huwa Andersen u l-Christian name huwa Soren Nygaard, u dan fir-rigward tad-dettalji tar-ragel.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ezaminat id-dokumenti illi gew esebiti f’dawn il-proceduri.

Illi a fol. 7 hemm l-att tat-twelid ta’ l-attur, fejn ismu huwa imnizzel bhala Soren u isem u kunjom missieru huma imnizzlin bhala Soren Nygaard Andersen.

Illi omm l-attur, illi ghamlet id-dikjarazzjoni tat-twelid ta’ binha, iffirmat bhala Grace Andersen.

Illi a fol. 9 hemm esebit l-att taz-zwieg tal-genituri ta’ l-attur fejn missieru huwa imnizzel bhala Soren Nygaard Andersen u ommu hija imnizzla bhala Grace Grech.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti innotat illi fil-post rizervat ghall-partikolaritajiet ta’ “Ir-ragel mizzewweg” il-kliem “Soren Nygaard” qeghdin f’linja ghalihom, u tahthom, f’linja ohra, hemm “Andersen”.

Illi missier l-attur huwa imnizzel bhala Johannes Viktor Andersen u ommu bhala Igne Gerd nee’ Nyegaard.

Illi a fol. 10 tal-process hemm esebit ic-certifikat taz-zwieg mahrug mill-parocca ta’ Santu Wistin. Illi dan ic-certifikat taz-zwieg jikkoncerna l-genituri ta’ l-attur.

Illi fejn hemm “id-dettalji ta’ l-gharus” isem missier l-attur huwa imnizzel bhala Soren u kunjomu huwa imnizzel bhala Nygaard Andersen.

Illi d-dettalji tal-genituri ta’ l-gharus, jigifieri missier missier l-attur, missieru huwa imnizzel bhala Johannis Victy Anderson u d-dettalji ta’ ommu huma imnizzlin bhala Inge Gerd Nygaard.

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car illi Nygaard huwa kunjom xbubit omm missier l-attur, mentri Andersen huwa kunjom missier missier l-attur, u ghalhekk jirrizulta ukoll illi missier l-attur ha l-kunjom taz-zewg genituri u ghalhekk ismu huwa Soren u kunjomu huwa Nygaard Andersen.

Nygaard huwa kunjom ommu u Andersen huwa kunjom missieru.

Illi l-istess dettalji huma rispekkjati fic-certifikat taz-zwieg mahrug mill-parocca ta’ Santu Wistin, il-Belt Valletta.

Ikkunsidrat :

Illi l-ufficju elettorali baghat ittra lill-avukat ta’ l-attur datata 27 ta’ Lulju, 2007, fejn gibidlu l-attenzjoni illi skond ic-certifikat tat-twelid ta’ l-insinwa kunjom l-attur huwa Nygaard Andersen u l-unika problema kienet dwar kif kellu jinkiteb kunjom l-attur u mhux illi kunjom l-attur kien Andersen minflok Nygaard Andersen.

Illi anke mid-Dokument K illi jinsab esebit a fol 19 tal-process, jirrizulta illi missier missier l-attur kien Johannes Andersen u omm missier l-attur kienet Inge Nyegaard Andersen.  Dan ukoll jikkonferma illi Nyegaard kien kunjom xbubit omm missier l-attur.

Ikkunsidrat :

Illi gie ukoll ippruvat mill-attur illi Nygaard huwa kunjom komuni Daniz.

Illi anke mid-Dokument illi jinsab esebit a fol. 91 tal-process jirrizulta illi missier missier l-attur kien Johannes Viktor Andersen u omm missier l-attur kienet Inge Gerd Nyegaard F. Andersen.

Illi dan ukoll ikompli jipprova illi missier l-attur  jismu Soren u illi ha il-kunjomijiet ta’ ommu, kif ukoll dak ta’ missieru, sabiex b’hekk kunjom missier l-attur huwa Nygaard Andersen.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu illi l-attur minkejja li ghamel diversi tentattivi, ma ipproduciex ic-certifikat tat-twelid ta’ missieru, izda huwa esebixxa ic-certifikat tat-twelid tieghu

minn fejn jirrizulta li kunjom missieru huwa Nygaard Andersen.

Illi l-fatt illi hemm koma bejn Andersen u Soren Nygaard ma iffissirx illi Nygaard huwa isem, anzi gie ippruvat mill-provi kollha prodotti illi Nygaard huwa kunjom u illi kunjom xbubit omm missier l-attur kien Nyegaard.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut peress illi huwa ma ressaq l-ebda provi dwarha, tichad it-tieni eccezzjoni peress illi huwa car illi l-attur qieghed jitlob korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu, tichad ukoll ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenut ghar-ragunijiet spjegati aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, izda tilqa t-tielet, il-hames u is-sitt eccezzjoni tal-konvenut. Il-Qorti tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-kunjom proprju ta’ l-attur huwa Nygaard Andersen u mhux Andersen u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-attur sabiex jigi kjarifikat illi kunjom l-attur huwa Nygaard Andersen, sabiex b’hekk kunjom l-attur ikun irregistrat bhala Nygaard Andersen fic-certifikat tat-twelid tieghu u fl-atti civili kollha successivi u sussegwenti.

Illi l-Qorti tichad it-tieni talba ta’ l-attur peress illi l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tac-certifikati tal-karti ta’ l-identita u fir-rigward tal-passaporti.

Il-Qorti tordna illi ‘ai termini’ ta’ l-artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali bil-mod preskritt fl-istess disposizzjoni tal-Kap. 16.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------